MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Numru. 1073/2010

**L-Ufficjal Principali ta' L-Immigrazzjoni (Spettur Mario Haber)**

**vs**

**FRANCIS SCHEMBRI**

**Illum, 6 ta' Marzu 2012**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **FRANCIS SCHEMBRI,** bin Antonio u Antonia, imwieled iz-Zejtun nhar is-26 ta' Awwissu 1957, residenti Framarg, Triq Guzeppi Montebello, Tarxien,

detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 599257(M) gie imressaq quddiemha u akkuzat talli:

Fid-19 ta’ Ottubru 2010 u fil-jiem ta’ qabel gewwa l-Mosta u f’partijiet ohra f’dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lill-persuna li ma kinitx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bhala l-persuna responsabbli impjega persuna li ma kinitx cittadin ta’ Malta meta dan il-persuna ma kellu permess validu u ufficcjali.

Talli fl-isess lok, data, hin u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra, full time, part time jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10)

Finalment talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ Ottubru 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (Dok CSH), document mahrug minn Special Branch Immigration li jindika li l-imputat ma riedx assistenza legali (Dok CSH1), stqarrija ta’ l-imputat (Dok CSH2), fedina penali ta’ l-imputat (Dok CSH3 u certifikat tat-twelid (Dok CSH4).

**Short Muthusamy Rsm Ravinchandran** xehed nhar l-20 ta’ Gunju 2010 u spejga li waqt li kien qed jahdem gewwa skola l-Mosta b’karretta f’idejh marru l-Pulizija sabiex ikelmuh u staqsew jekk kellux permess ghax-xoghol u qalilhom li l-permess li kellu kien skada fit-30 ta’ Settemrbu 2010 izda kellu applikazzjoni pendenti. Qalilhom li kien mar l-ufficcju inkarigat mill-hrug tal-permessi u qalulu li l-applikazjoni tieghu kienet ghada ma gietx processata. L-ufficcju kien f’Hal Tarxien. Qal li huwa

anke ta l-karta ta’ l-identita’ tieghu lill-Pulizija. Spjega li kien qed jahdem bhala plumber fl-iskola u kien qed jithallas minghand is-socjeta’ Central Power Installations u kien jithallas permezz ta’ direct debit ghall- kont tieghu bankarju direttament. Mistoqsi jekk jafx lill-akkuzat wiegeb li jafu u jafu bhala l-imghallem tieghu. Spjega wkoll li jaf lir-ragel ta’ bintu certu Dimitri li ekoll jahdem fis-socjeta’ Cenral Power Installations (CPI).

**Maria Cutajar** xehdet fil-15 ta’ Marzu 2011 u dana in rappresentanza tad-Direttur tal-ETC. Spjegat li fid-19 ta’ Ottubru 2010 il-persuna ta’ Ravichandran Short Muthusamy, denetur tal-karta ta’ identita’ numru 3982(A) ma kellux permess sabiex jahdem hawn Malta kif jirrizulta mid-dokument li gie esebit u markat bhala Dok Z. Qalet li skond dan id-dokument, il-permess tieghu kien gie rifjutat. Qalet li pero’ qabel huwa kellu permess sabiex jahdem mas-socjeta’ Central Power Installations (CPI) sabiex jahdem bhala plumber u dan il-permess kien skada fit-30 ta’ Settembru 2010. Fil-fatt qalet li kienet l-istess socjeta’ li applikat mill-gdid sabiex jinghata permess, izda din l-applikazzjoni giet rifjutata.

**Louis Buhagiar** xehed nhar il-15 ta’ Marzu 2011 u dan fil-kapacita’ tieghu ta’ impjegat mal-ETC. Ikkonferma li nhar id-19 ta’ Ottubru ghal habta tal-10.00a.m huwa kien ghamel spezzjoni fil-kullegg Maria Regina limiti ta’ Mosta u fost il-haddiema li sabu fuq il-post sabu lil persuna li sussegwentement irrizultalhom li jisimha Ravichandran Short Muthusamy u dan kien fil-basement ta’ din l-istess skola u kien qed igorr karetta. Spjega li kien liebes flok blu bil-logo CPI Ltd u qallu li kien qed jahdem full time bhala plumber ma’ din l-istess socjeta’. Dak il-hin ghamlu l-verifiki taghhom ma’ l-ufficcju Head Office sabiex jaraw jekk din il-persuna kellhiex xi permess izda irrizultalu li l-permess li kellu kien skada. Qal li huma ikkonfermaw ukoll ma’ Ravichandran Short Muthusamy li ma kellux permess ghax-xoghol. Mistoqsi jekk kellmux xi impjegati ohrajn qal li iva kelmu lil certu Silvan Cassar li jahdem bhala foreman mas-CPI Ltd u dan ikkonfermalhom li Ravichandran Short Muthusamy huwa impjegat maghhom.

**Carmel Polidano** xehed fl-istess jum tal-15 ta’ Marzu 2011 u kkonferma li huwa kien qed jaghmel spezzjoni flimkien mal-kollega tieghu Louis Buhagiar u mal-Pulizija tal-Immigration gewwa l-iskola taz-Zokrija, Mosta u hemmhekk sabu persuna li sussegwentement irrizultahom li jisimha Ravichandran Short Muthusamy u dan kien qed igorr karretta. Qal li dak il-hin kien fil-basement ta’ l-istess skola. Kien libes flok blu bil-logo CPI fuqu. Ikkonferma li tkellem ma’ certu Silvan Cassar fuq il-post u dan ikkonfermalu li Ravichandran Short Muthusamy kien qed jahdem maghhom fil-kapacita’ ta’ plumber. Tenna li huwa ghamel il-verifiki tieghu u irrizultalu li effettivament ma kellux permess ghax-xoghol ghaliex li kellu kien skada. Huwa tkellem ma’ Ravichandran Short Muthusamy u dan ikkonfermalu li ma kellux permess ghax-xoghol.

**PC 630 Michael Magro** xehed nhar is-6 ta’ Gunju 2011 u kkonferma li nhar id-19 ta’ Ottubru 2010 ghall-habta tal-10.15am marru jassistu lil tal-ETC fuq inspection gewwa l-iskola Taz-Zokrija il-Mosta. Dahlu min-naha tal-parking area u appena dahlu raw persuna ta’ nazzjonalita’ barranija diehla b’karretta. Qa’ li din il-persuna kienet liebsa flokk tal-kumpanija blu bl-initials CPI fuqha. Talbuh ghal dokumenti u taghhom ID card tieghu. Tal-ETC iccekkjaw mal-kumpanija jekk kellhomx permess ghalih u rrizulta li ma kellu l-ebda permess. Ghalhekk haduh maghhom id-Depot ghal iktar investigazzjonijiet. Ikkonferma li meta rah kien ghaddej b’karretta f’idejh. Ikkonferma li dan kien jismu Matsumani Rabushan Rati.

Illi nhar il-21 ta’ Frar 2012 deher l-imputat assistit minn Dr. Krystyna Grima u d-difiza pprezentat dokument mahrug mill-ufficcju ta’ l-impjiegi u licenzji, liema dokument gie mmarkat bhala Dok CSH li jindika li Ravichandran Short Muthusamy kellu permess sabiex jahdem f’Malta sat-30 ta’ Settemrbu 2010.

L-imputat **Francis Schembri** xehed fil-21 ta’ Frar 2012 u kkonferma li huwa Direttur tas-socjeta’ Central Power Installations Co. Ltd u li fil-fatt kienet impjegat lil Ravichandran Short Muthusamy fil-kapacita’ tieghu bhala plumber u dan bil-permessi relattivi mahruga mill-

Awtoritajiet koncernati. Qal pero’ li huma kienet talbu extention ghall-impjieg tieghu liema extention ma gietx approvata u ghalhekk meta l-ispetturi tal-ETC ghamlu spezzjoni gewwa l-iskola taz-Zokkrija, Mosta u sabu lil Ravichandran Short Muthusamy jahdem, dan ma kienx kopert bil-permess relattiv.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx wisq fejn wiehed jimrah bil-provi li gew prodotti ghaliex ma hemmx dubju li Ravichandran Short Muthusamy kien qed jahdem mas-socjeta’ Central Power Installations u dan nhar id-19 ta’ Ottubru 2010 meta ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impjieg. Huwa minnu li kien hemm zmien meta l-impjieg ta’ Ravichandran Short Muthusamy kien wiehed regolari izda dan skada nhar it-30 ta’ Settembru 2010 u kien dakinhar meta l-imputat messu waqaf mill-impjieg tieghu.

Il-Qorti rat dak li gustament osservat id-difiza u cioe’ li it-tieni akkuza hija inkorporata fl-ewwel akkuza u li ghalhekk tirrizulta provata flimkien mat-tielet akkuza. Dwar ir-raba’ akkuza u cioe dik ta’ recidiva, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprezenta sentenza li giet deciza fil-konfront tal-imputat u ghalhekk tali akkuza ma tirrizultax.

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 3(a) sa 10 ta’ l-Avviz Legali 110 tas-sena 1993, tiddeciedi li issib lill-imputat FRANCIS SCHEMBRI hati tat-tieni akkuza kif inkorporata fl-ewwel akkuza, u hati tat-tielet akkuza u tikkundannah multa ta’ elf u mitejn Ewro (€1,200), filwaqt li ma ssibux hati tar-raba’ akkuza u tilliberah minnha.**

**Ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda takkorda lill-imputat il-fakolta’ li jhallas il-multa inflitta f’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitejn Ewro (€200).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------